MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 75/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Angelo Bilocca**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Angelo Bilocca, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 556978(M) talli fit-13 ta'Ottubru 2011, għall-ħabta ta' 10:45 hrs fi Triq Labour. Marsa:

(1) saq vettura Nru: IAV-859 mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja tal-vettura mhux imġedda);

(2) saq vettura Nru: IAV-859 mingħajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

(3) għamel użu mill-imsemmija vettura Nru: IAV-859 u naqas li jinforma lill-Awtorita` għat-Trasport f'Malta dwar it-tibdil tal-kulur tal-vettura kif ukoll naqas li jippreżenta lill-Awtorita` ċ-ċertitikat ta' reġistrazzjoni biex isir it-tibdil meħtieġ.

Il-prosekuzzjoni talbet li 1-imsemmi Angelo Bilocca jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perijodu ta' żmien ta' mhux inqas minn tnax-il (12) xahar, kif ukoll tordna li l-istess Angelo Bilocca jesegwixxi l-liġi, cioe` li jinforma lill-Awtorita` dwar it-tibdil tal-kulur, fiż-żmien suffiċjenti għaldaqshekk kif jiġi stabbilit mill-Qorti taħt penali ta' ammenda ta' mhux aktar minn €4.66 kuljum fin-nuqqas;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar 2012 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 9 LS.368.02, 15(1)(a)(3) tal-Kap 65, 3(1) tal-Kap 104 u 377(3) tal-Kap 9, sabet lill-imsemmi Angelo Bilocca hati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għall-ħlas ta' multa ta' elfejn u erba' mitt euro (€2,400) pagabbli fuq medda ta' sentejn (24 xahar) u sospensjoni illi jkollu liċenzja għal żmien sena (12-il xahar) mid-data tas-sentenza appellata;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Angelo Bilocca ppreżentat fis-17 ta' Frar 2012 fejn talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

"Illi d-difiża ssostni li ma setax kien li ma kienx kopert b'polza t'assikurazzjoni peress li mid-dokumenti relattivi jirriżulta li huwa kien assikura l-vettura tiegħu fil-11 a.m. u konsegwentement ma kienx hemm ħin biżżejjed biex l-

appellant jassikura l-vettura tiegħu wara li waqfitu l-Pulizija Eżekuttiva.

"Illi l-Qorti pero` dehrilha li kellha tiskarta l-prova dokumentarja u tistrieħ fuq x-xhieda orali li in effetti huwa mar għand l-*insurance* fil-11:15am.

"Illi l-principju hu *quod scriptum est verba volant*. Del resto id-difiża hi tenuta kont tressaq provi biss sal-grad tal-probabbilita`.

"Illi għal dak li jikkonċerna telefonata lill-assikurazzjoni, din hija asserzjoni manifestament inveritjera peress li kulħadd jaf li l-polza ta' l-assikurazzjoni tista' tiġġedded biss billi wieħed jattendi fl-uffiċini ta' l-aġenzija sabiex jiffirma d-dokumenti relattivi."

**6.** Din il-Qorti semgħet il-provi mill-ġdid u eżaminat l-affidavit ta' S.M. 1505 John Micallef Engerer u d-dokumenti esebiti, u tgħid mill-ewwel illi l-appellant m'għandux raġun.

**7.** Fl-affidavit tiegħu s-S.M. 1505 jgħid illi waqqaf lill-appellant fi Triq il-Labour, Marsa, għall-ħabta ta' l-10.45 a.m. u li minn verifiki li għamel mal-Control Room tal-Pulizija sab li kemm il-liċenzja tal-karozza li kien qiegħed isuq l-appellant kif ukoll il-polza ta' l-assigurazzjoni kienu skaduti. Is-S.M. 1505 jgħid illi huwa qal lill-appellant biex ma jagħmilx użu mill-karozza sakemm iġedded il-polza. Skond dan ix-xhud, l-appellant ċempel lill-assigurazzjoni biex iġeddulu l-polza u lill-mara biex tmur tiġborlu l-kopja mingħand Elmo Insurance. Mid-dokument relattiv esebit minn George Stagno Navarra f'isem l-Elmo Insurance jirriżulta illi l-polza bdiet isseħħ fit-13 ta' Ottubru 2011 fil-11:16:52, jiġifieri wara l-ħin li fih l-appellant twaqqaf mill-Pulizija.

**8.** Fis-sottomissjonijiet orali ġie sottomess illi mart l-appellant fil-fatt kienet diġa` fi triqitha lejn l-kumpanija assiguratriċi sabiex iġġedded l-assigurazzjoni tal-karozza. Filwaqt illi dwar dan ma nġabet l-ebda prova, anke kieku stess kien minnu, l-appellant ma kellux isuq il-karozza

qabel ma jkollu f'idejh il-liċenzja u l-polza ta' assigurazzjoni mġedda. L-appellant stess jgħid illi *verba volant, scripta manent*. Il-ħin tat-tiġdid tal-polza hu lloggjat fis-sistema komputerizzata tal-kumpanija assiguratriċi. Mhux kontradett li l-appellant twaqqaf mill-Pulizija u li sa dak il-ħin li twaqqaf, il-polza kienet għadha mhix imġedda. Konsegwentement l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

**9.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier b'dan li l-perijodu għall-ħlas tal-multa u l-perijodu tas-sospensjoni jibdew jiddekorru millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------